# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru disgħa (9) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-Agones se jibdew juzaw il-grawnd tal-iskola ta' San Benedittu, kif ukoll Marsa Sports Club, biex ikomplu l-akademija [ref punt 3.2]. Is-Sindku staqsa jekk irid isir xi ħlas għal użu ta' dawn il-postijiet. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-head t'Agones għandu jiltaqa mal-Kunsill Malti għall-isport biex jistaqsihom izda ma jaħsibx illi se jkun hemm ħlas involut.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jaqbel illi nkeċċu t-tfal li jidħlu fil-grawnd illi jidħlu hemm billi jqaċtu ix-xibka, izda fl-istess ħin jemmen illi għandna nagħtu spjegazzjoni lil ġenituri tagħhom fuq ir-raġuni għalfejn il-Kunsill qed jieħu dan l-azzjoni [ref punt 3.3]. Is-Sindku qal illi, sfortunatament, mhux il-ġenituri kollha huma serji bizzejjed biex jifhmu li t-tfal tagħhom qegħdin jagħmlu ħazin.

3.3 Is-Sindku ltaqa mas-Sindku ta’ Żurrieq [ref punt 3.4] imma preżenti miegħu kien hemm l-kunsilliera Rita Grima, Joe D’Amato, Claudio Zammit, Rita Bellizzi, kif ukoll is-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill. Hu kien taħt l-impressjoni li se jiltaqa mas-Sindku biss. Hu qal illi avzahom illi aħna rridu dak li hu tagħna u ħa miegħu l-pjanta updated li rċevejna mid-DLG biex juri fejn huma l-konfini bejn l-irħula. Fl-istess ħin qal illi huma qegħdin jaħdmu fuq pjanta antika u qal illi l-kunsillier Joe D’Amato u Claudio Zammit biss ikkumentaw. Is-Sindku qal illi kellu jiltaqa mas-Sindku u mhux ma nofs il-Kunsill u qal ukoll illi l-Kunsill ta’ Ħal Safi qed jimxi fuq dak illi pprovduna d-DLG u s-sur Martin Bugelli li kien id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli. Qal ukoll illi huma kien għamlu survey fuq St. Andrew’s Road waqt illi l-Kunsill qabel illi l-ebda survey ma tista tiswa xi ħaġa fuq pjanta antika. Is-Sindku kkonferma wkoll li ġew ħafna residenti mit-triq biex jilmentaw fuq l-istat tat-triq, meta aħna m’għandniex l-awtorita biex naħdmu fuq din it-triq għax taqa fil-konfini ta Żurrieq u huma qegħdin jinsistu li l-art tagħmel parti mill-konfini tagħna.
Dwar il-katakombi, is-Sindku qal ukoll illi jekk jibqaw sejrin hekk se jagħmel katnazz barra l-katakombi. Qal illi ma jistax jifhem kif ħadu ċ-ċwievet bla ebda titolu għalihom. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi aħna għandna jkolna d-drittijiet/titolu tagħna.

3.4 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hu bagħat ilment lil MEPA rigward il-maħzen ta’ triq San Tumas [ref punt 3.5] għax qegħdin isiru affarijiet illi mhux suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien diġa avzaħ li pulizija qal li jekk ħadd m’hu lest jixħed fil-qorti, ma jista ssir xejn. Qal ukoll illi tah l-emajl tal-pulizija ma min kellem biex ikun jista jiverifika dak illi qal. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil għamel talba biex nistiednu l-ispettur Kevin Pulis għal laqgħa li jmiss imma s-Sindku qal illi se nara mas-Supr. Sandro Gatt.

3.5 Is-Sindku qal illi s-sur Jeffrey Saliba u s-sur Joe Spiteri se jkunu l-kowċes tan-nursery għall-istaġun li jmiss [ref punt nru. 3.6]. Il-Kunsill ħareġ call for applications biex jekk hemm bzonn nagħżlu persuna oħra wkoll. Qal ukoll illi l-ex Head Kowċ qal illi jikonsidra li jerġa jidħol fil-futur jekk ix-xogħol ikun miexi sew. Is-sur Saliba se jkun il-Head Kowċ. Qal ukoll illi Ibqa Attiv xorta se ssir u li s-sur Saliba ħadem fuq il-programm. Tkellem ukoll fuq il-possibilta li jkun hemm Technical Director li jiġi jagħti training darba fix-xahar.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi f’laqgħa preċedenti kien avza li se ssir training session minn plejer Serbjan u għalhekk ma qabilx mal-parti tal-Minuti fejn hemm miktub “Qal ukoll li organiżża training session ma plejer mis-Serbia bla ma kkonsulta man-nursery u anki nbidlu l-ħinijiet. Qal ukoll illi ma jistax jkun illi jibqa jsir dan in-nuqqas ta’ komunikazzjoni u qal ukoll illi anka ċerti kunsillier qegħdin jagħmlu

affarijiet mingħajr ma jgħidu lilu qabel [kliem tas-Sindku]". Is-Sindku qal illi l-kunsillier Stivala naqqas milli nforma lin-nursery fuq l-attivita, u mhux lil Kunsill waqt illi l-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-kowċ ma qalx illi se jieħdu sehem fil-Gatorade Tournament fl-istess ġurnata. Qal ukoll illi ħadd mill-kowċes ma ried konsultazzjoni ma min hu aħjar minnhom.
Is-Sindku qal illi għandu l-fiduċja fil-kowċes li se jibqaw, kif ukoll il-kunsillier Carlo Stivala għandu jzomm id-dekasteru tal-isport izda s-Sindku se jieħu ħsieb it-tmexxija tan-Nursery.

3.6 Is-Sindku qal illi l-bankijiet ta' Misraħ San Ġużepp twaħħlu [ref punt nru 3.10]. Is-Sindku qal ukoll illi twaħħlu għax minn kien abuza ħa tbezbiza u mhux għax saret mistoqsija parlamentari [PQ] fil-konfront tagħhom. Qal ukoll illi minn għamel il-PQ kien mal-kunsilliera f'attivita ġimgħa qabel u seta jistaqsi fuqhom dak il-ħin. Is-Sindku qal illi jħoss illi l-intenzjoni ta' dan il-persuna kien biex jieħu mertu ta' dak illi s-Sindku kien ilu jgħid li ħa jsir.

3.7 Is-Sindku qal illi m'hemmx spejjez kbar biex nirranġaw it-telephone box [ref punt nru 3.11]. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi min jagħmel ix-xogħol għandu juza Post Office Red bħala kulur.

3.8 Is-Sindku qal illi l-ġita għal Sqallija se ssir fis-16 ta' Ġunju u sejrin madwar 30 ruħ [ref punt nru 6.1].

3.9 Is-Sindku qal illi tkellem mal-foreman [ref punt 6.3] u dan iverifika li m'għandhomx arbli u li x-xogħol illi ppropona hu li ssir ma tistax isir minħabba nuqqas t'arbli. Is-Sindku qal illi x-xogħol fuq il-bracket taz-zebra crossing [ref punt nru 6.4] se ssir wara li l-ħaddiema jagħmlu xogħolijiet pendenti li huma izjed importanti għalissa.

3.10 Is-Sindku qal illi l-kunsilliera li għandhom grupp fih darhom huma responsabbli li dawn is-suġġerimenti jaslu sal-Kunsill Lokali [ref punt 6.5].

3.11 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi t-triathlon kienet suċċess [ref punt 6.7] u fost il-parteċipanti kien hemm tnejn mir-raħal.

**4. Korrespondenza**

4.1 'The Malta Council for the Voluntary Sector' għamlu talba biex jagħtu laqgħa fis-sala tal-Kunsill fix-xahar t'Awwissu. Il-Kunsill qabel illi jagħmlu l-laqgħa fil-5 t'Awwissu.

4.2 Is-sur Tony Pace għamel talba biex il-Kunsill jippublika kotba li għandhom jiġu mqassmin lil mużewijiet, skejjel u kunsilli tal-irħula ta' Ħal Safi, Kirkop, Żurrieq, l-Imqabba u l-Qrendi. Is-Sindku ma qabilx illi għandna nħalsu biex il-maġġoranza ta' dawn il-kotba jeħduhom irħula oħrajn u qal illi jemmen illi dawk illi ħadu sehem fl-inizjattiva għandhom jieħdu kopja u oħrajn jistgħu jixtru kopja. Is-Sindku qal illi jixtieq jitkellem mas-sur Pace u li se jissuġerixxi li min ħa sehem jieħu kopja u nagħtu 2 kopji lill-iskejjel li għandhom studenti li pparteċipaw. Il-Kunsill ma qabilx illi għandna nħalsu €519 + VAT fuq dan il-proġett.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi applika għal korsijiet tat-Taljan, l-Ispanjol [it-tnejn Level 2] u ganutell mal-LifeLongLearning wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla dwar l-emajls li bagħtu huma.

4.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab spjegazzjoni dwar l-emajls dwar l-IT room. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawk kienu mingħand MEPA fejn qalu li kien se ssir laqgħa fl-31 ta' Mejju. Is-Sindku qal illi ħadna l-go ahead biex nibdew ix-xogħol fuq dan il-proġett.

4.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab għal informazzjoni dwar l-emajl tas-sur John Mizzi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-emajl tiegħu s-sur Mizzi qal illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil attakka l-Viċi Sindku Johan Mula waqt id-diskors li sar bejniethom fl-ewwel u t-tieni laqgħat tal-Kunsill 2013. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi oggezzjona fuq il-kaz b'avukat għax ħadd ma talab għal versjoni tiegħu u għalhekk issa ħa jtela lil Bord ta' Evalwazzjoni l-qorti.

4.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar l-emajl mill-Ministeru tat-Trasport. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu bagħtu emajl biex jgħidu li jixtiequ jiltaqaw mas-Sindku u mas-Segretarju u li l-laqgħa saret. Is-Sindku qal illi tagħhom lista tax-xogħolijiet li hemm bzonn madwar ir-raħal li għandhom x'jaqsmu mad-dekasteru tal-Ministru tat-Trasport.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsilliera qablu, u ffirmaw il-PAS.

**6. Skola Sajf**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm 32 tfal u 11 teachers/helpers li applikaw s'issa.

**7. Summer League**

7.1 Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona illi nuzaw ir-referees tal-MFA u nuzaw ir-regolamenti tagħhom. Qal illi għandna nħalsuhom izjed izda huma jieħdu ħsieb pulizija, deċizjonijiet u permessi. Is-Sindku ma qabilx għax jemmen illi l-Kunsill għandu jkollu "say" f'dak illi qed jiġri. Il-Kunsill diġa għamel kuntatt ma referee u għandu jiġi biex jiltaqa mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv fil-ġranet li jmiss.

7.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s-sena l-oħra l-prezz kienet irħisa wisq u ppropona li kull tim ikollu 12 il-plejer [massimu] u li jħalsu €150. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-kunsilliera.

7.3 Is-Sindku qal illi l-applikazzjonijiet għandhom jaslu l-Kunsill u mhux via kunsilliera. Fl-istess ħin qal illi għandna naraw x'interess hemm minn dawk li ħadu sehem is-sena l-oħra.

**8. Ħwejjeġ oħra**

8.1 Is-Sindku reġa kkonferma li rċevejna permess rigward IT room [ref punt 4.4 ta' din is-seduta]

8.2 Is-Sindku qal illi m'hemm l-ebda fondi għaċ-Child Care Centre mill-Ministeru tal-Edukazzjoni.

8.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil oġġezzjona li twaħħlu 3 bankijiet biss ġol Misraħ San Ġużepp. Is-Sindku qal illi kellu lment minn persuna li tgħix hemm u ma jixtieqx jiddejjaq minn jgħix hemm biex ħaddieħor ikun kuntent. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma qbadna lil ħadd li għamel il-ħsara u s-Sindku rrisponda li qed joqgħod lura milli jieħu passi kbar kontra l-individwu li għamel il-ħsara.

8.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa dwar it-tabella ta' triq San Ġwann. Is-Sindku qal illi qegħda għand persuna li kellu jġiba miegħu imma kull darba li ftiehem miegħu dan ma ġiex iġib it-tabella. Qal illi dan kien il-persuna li ġabaraha wara li waqgħet.

8.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk naqsux ammont mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma naqsu xejn.

8.6 Il-kunsillier Publius Abdilla talab update fuq it-tabelli tal-MTA. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandhom jaslu dalwaqt wara li tkellem mas-sur Oliver Farrugia [MTA].

8.7 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi kien hemm presentation dwar l-awdjo visual fis-sala tal-Kunsill u issa se ssir working group biex jaħdem fuq dan il-proġett. Qal illi l-kap tal-grupp se jkun is-sur Paul Callus li se jieħu ħsieb ukoll l-iscript. Qal illi qegħdin jagħmlu short-listing għal narratur professjonali.

8.8 Il-Viċi Sindku qal li rċieva lment dwar il-bollards li hemm fil-Misraħ ta' San Ġuzepp. Is-Sindku qal illi dak li lmenta għandu jieħu t-tort għax ma jafx isuq u li dan dejjem qdejnieħ meta kellu bzonn u li dan il-persuna kien diġa tkellem miegħu fuqhom. Qal il-bollards qegħdin hemm għal raġuni u se jibqaw hemm.

8.9 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm ilmenti dwar is-sleeping police ta' triq il-Feniċi. Is-Sindku qal illi għandu karrozza baxxa u ma jsibx problemi. Qal illi dawk saru mingħajr il-kunsens tal-Kunsill u l-kuntrattur tala €250 biex ineħuhom. Qal il-Kunsill mhux se joħroġ sold peress illi dan ix-xogħol ma sarx bil-permess tal-Kunsill. Ma qabilx li nuzaw il-ħaddiem tal-Kunsill biex ineħuha għax xorta jkun hemm spejjez għal patching wara.

8.10 Il-Viċi Sindku talab għall-informazzjoni dwar meta se titwaħħal it-tabella one way ta' triq Rqajja. Is-Sindku qal illi se jibgħat lil ħaddiema meta għandhom ċans.

8.11 Il-Viċi Sindku qal illi l-katnazz tal-grawnd spiċċut. Is-Sindku qal hemm ħafna difetti fil-grawnd u mhux sempliċiment il-katnazz. Qal illi l-kowċes issa se jieħdu sett ċwievet u ma qabilx illi nbidlu l-katnazz minħabba l-fatt li jkolna nerġgħu nġibu settijiet ċwievet ġodda u għalissa m'hemmx għalfejn. Qal illi għandna nieħdu ħsieb dan fil-futur u issa aħajar niffukaw fuq ix-xibka.

8.12 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar il-funtana fil-Playing Field. Is-Sindku qal illi hija lesta u li l-pompa nbiddlet.

8.13 Il-Viċi Sindku Johan Mula ssuġerixxa li ssir database tan-nies tar-raħal illi għandhom xi kollezzjonijiet. Il-Kunsill qabel mal-ideja.

8.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab għal sitt kwotazzjonijiet għall-edizzjoni tal-fuljett li jmiss. Qal illi l-kunsilliera għandhom sal-laqgħa li jmiss biex jagħtu l-ewwel draft tal-messaġġi tagħhom.

8.15 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hu nkwetat li l-Kunsill għandu jitla l-qorti minħabba d-diskors li sar bejn 2 kunsilliera waqt laqgħha tal-Kunsill. Għamel talba sabiex jirranġaw bejniethom barra l-qorti u biex l-affarijiet bejniethom jikalmaw. Is-Sindku qabel. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għadu muġugħ u issa naraw x'jiġri. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi ħass illi kellu jieħu azzjoni wara li ta l-opportunita biex is-sur Busuttil jieħu lura dak li qal fl-ewwel laqgħa.

**9 Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fid-19 ta' Ġunju.

Sindku
Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard